# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 30 ta' Gunju, 2021.**

**Numru 13**

**Rikors numru 293/06/1AF**

**Emanuel Farrugia**

**v.**

**Anthony Borg f'ismu personalment u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Melrose Company Limited**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors guramentat li ressaq l-attur fil-5 ta' April, 2006, u li jaqra hekk:

> "1. Illi l-esponenti jaghmel negozju mal-intimati, jew min minnhom, ta' importazzjoni ta' vetturi, partijiet minn vetturi u ingenji *second hand*, bil-ghan illi jinbieghu lil terzi.
>
> 2. Illi l-ftehim bejn il-partijiet kien li l-partijiet jhallsu l-ispejjez kollha sabiex dawn l-oggetti jinxtraw minn barra u jigu importati, u r-

rikavat tal-bejgh jinqasam nofs bin-nofs bejn il-partijiet kontendenti.

3. Illi ghalkemm diversi oggetti nbieghu lokalment mill-intimati lil terzi, l-esponenti baqa' ma rceviex is-sehem spettanti lilu.

4. Illi dan is-sehem jammonta ghal hmistax-il elf lira Maltin (Lm15,000), u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

5. Illi ghalkemm l-intimati gew interpellati sabiex ihallsu s-sehem dovut lir-rikorrenti, huma baqghu inadempjenti.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara illi l-intimati, jew min minnhom, huma debituri tar-rikorrenti fl-ammont ta' hmistax il-elf lira Maltin (Lm15,000), jew somma verjuri li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, rapprezentanti s-sehem tar-rikorrenti mill-qliegh mill-bejgh ta' vetturi li gew importati u mibjugha lokalment lil terzi, u dan a bazi ta' ftehim milhuq bejn il-partijiet kontendenti.

2. Tikkundanna lill-intimati, jew min minnhom, jhallsu lir-rikorrenti s-somma ta' hmistax il-elf Maltin (Lm15,000) jew kwalunkwe somma verjuri li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra interpellatorja datata 10 ta' Novembru 2005, u bl-imghax legali kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni."

2. Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti li in forza taghha eccepew illi:

"1. Illi in via preliminari l-esponenti Anthony Borg f'ismu proprju mhux il-legittimu kontradittur u ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju stante illi m'ghandu u qatt ma kellu ebda relazzjoni guridika mar-rikorrenti;
2. Illi subordinatament u in via preliminari wkoll, l-esponenti Anthony Borg mhux direttur tas-socjeta` intimata u l-anqas m'ghandu r-rapprezentanza guridika taghha u ghalhekk il-kawza kif proposta kontra s-socjeta` Melrose Company Limited hija mproponibbli u irritwali.
3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, fi kwalunkwe kaz, it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu stante li, kif jigi pruvat ahjar fit-trattazzjoni tar-rikors, l-esponenti m'ghandhom jaghtu xejn lir-rikorrenti.
4. Salv eccezzjonijiet ohra."

3. Rat is-sentenza li tat il-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Gunju, 2016, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi, wara li tichad l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenuti, tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti kif dedotti;

4. Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza l-attur qieghed jitlob lil din il-Qorti tiddikjara lill-intimati jew min minnhom huma responsabbli ghall-hlas tas-somma ta' hmistax-il elf lira Maltin (Lm15,000) jew somma ohra verjuri likwidata mill-Qorti, rapprezentanti l-qliegh mill-bejgh ta' vetturi li gew importati u mibjugha lil terzi a bazi ta' ftehim bejn il-partijiet kontendenti fil-kawza u li tikkundanna lill-intimati jew min minnhom ihallsu lir-rikorrenti s-somma ta' hmistax-il elf lira Maltin (Lm15,000) jew somma ohra likwidata mill-Qorti. L-attur esebixxa numru ta' dokumenti a fol. 9 sa 69 tal-process, li jghid li huma *Release Orders* mahruga mid-Dwana u dokumentazzjoni ohra mahruga mill-Awtorità ghat-Trasport f'Malta, mertu tal-kawza.
>
> Il-konvenuti da parti taghhom isostnu preliminarjament li Anthony Borg f'ismu proprju mhux il-legittimu kontradittur peress li m'ghandu ebda relazzjoni guridika mar-rikorrenti u li l-istess Borg mhux Direttur u lanqas m'ghandu r-rapprezentanza guridika ta' Melrose Company Limited u ghalhekk il-kawza kif proposta kontra din is-socjetà hija rritwali u improponibbli; filwaqt li fil-mertu jsostnu li t-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u li ghandhom jigu ghalhekk michuda.
>
> Mill-provi mressqa jirrizulta illi l-attur jilmenta illi huwa flimkien mal-konvenut Anthony Borg, bhala importatur licenzjat tal-karozzi, kellhom ftehim, li permezz tieghu, minn Settembru 2003, bhala shab, bdew jimpurtaw l-ingenji mill-Japan. Huwa jsostni li Borg kien jghidlu kemm kien ikun hemm bzonn flus, huwa jigbed il-flus mill-bank, u jaghtihom lil Borg li kien jghaddihom lit-tifel, li kien jiddepozitahom il-Bank. Borg kien jghaddi l-ircevuta tal-Bank lill-attur u wara ftit kienu jaslu l-ingenji. L-attur jilmenta li huwa kien johrog il-flus kollha ghall-importazzjoni ta' l-ingenji bhal gafef, vannijiet, dustcarts, u cranes, kif ukoll hallas l-ispejjez kollha, filwaqt li Borg ma kien johrog ebda flus. L-attur jispjega li peress li l-konvenut beda jghid li ma kienx qed jircievi l-karti tad-dwana, l-ingenji kienu jispiccaw jidhlu fil-Bonded Warehouse tal-Gvern u li kellu jhallas l-ispejjez kollha huwa stess biex jigu rilaxxjati u ma jintilifx ix-xoghol. Jinghad ukoll li filwaqt li r-rikorrent zamm il-gafef, il-konvenut ha l-bqija

tax-xoghol. L-attur jishaq li hareg Lm60,000, li minnhom thallas ammont sostanzjali u ghalhekk hemm dovut lejh is-somma ta’ Lm15,000.

Mid-dokumenti esebiti mill-attur a fol. 91 *et seq* tal-process, jirrizulta li l-fatturi kollha li kienu jinhargu mis-socjetà Gappuniza ghax-xoghol impurtat, kienu f'isem Melrose Company Ltd. u Mr. Anthony Borg. Filwaqt li mid-dokumenti esebiti rigward l-*Outgoing Order Issue* bhala transazzjonijiet tal-Bank, ghall-importazzjoni in kwistjoni, huma kollha kemm f'isem Anthony Borg, kif ukoll Melrose Company Limited, li t-tnejn ghandhom l-istess indirizz, bl-eccezzjoni ta' Dok. EF 2 a fol. 115 u 116 tal-process, li huma f'isem Margaret Farrugia, mart ir-rikorrenti, bl-indirizz tal-istess rikorrenti. Dawn it-transazzjonijiet li r-rikorrent iressaq bhala prova tal-flus illi huwa hareg f'dan in-negozju, fit-total taghhom igibu s-somma ta' Lm61,076.18.

L-attur ressaq bhala xhud lil Joseph Borg, importatur iehor tal-karozzi li kien assista lill-kontendenti fil-kawza peress li ma tantx kellhom esperjenza fuq dan ix-xoghol. Huwa jiccara li filwaqt li l-flus kienu dejjem jinhargu mill-attur, Emanuel Farrugia, anke huwa kien hareg xi flus ghall-*freight* u d-dazju ghall-konvenut u baqa’ ma thallasx. Jispjega wkoll li mir-*release orders* kien ikun jaf liema xoghol kien ser jiehu l-attur bhal gafef u xoghol iehor bhal magni, vetturi, kabini, cranes, dust carts u tower ladders li marru ghand il-konvenut Borg. Skond dan ix-xhud, l-ispejjez oghlew meta l-konvenut Borg kien jghid li ma kenux jaslulu l-karti tad-dwana, bil-konsegwenza li l-affarijiet thallew ix-xatt u b’hekk telghu l-ispejjez.

Il-konvenut jixhed li huwa kien ghamel negozju mar-rikorrent t’importazzjoni ta’ ingenji minn barra u li l-karti kienu registrati fuq il-kumpanija Melrose Company Limited, socjetà tieghu u tal-mara tieghu. Huwa jghid li l-patt mar-rikorrent kien li huwa ma setax johrog il-flus u ghalhekk kellu johroghom ir-rikorrent. Ikompli jispjega li filwaqt Farrugia hareg il-flus ghall-importazzjoni tal-ingenji, huwa hallas it-taxxa u l-VAT. Madankollu ma tirrizultax li saret prova da parti tal-konvenut f'dan is-sens. L-intimat jixhed li filwaqt li fadallu fil-pussess tieghu tliet trakkijiet u xi kabini, il-gafef ittiehdu mir-rikorrent u meta nbieghu minn Farrugia, dan tal-ahhar, zamm il-flus taghhom.

In kontro-ezami l-attur jichad li l-flus kellhom jinhargu kollha minnu, peress li n-negozju kellu jkun bi shab, izda li l-konvenut gab skuza li ma kellux flus u spicca li qatt ma hareg flus ghan-negozju taghhom. Ir-rikorrent jispjega li filwaqt li huwa zamm il-gafef u biegh tnejn minnhom, zamm il-flus ghalih, u li ghad fadallu tnejn minnhom, peress li dawn ma jahdmux. Ghalkemm ghall-ewwel ir-rikorrent jghid li dawn il-gafef li nbieghu, ghamel profitt minnhom, sussegwentement jghid li dawn m’ghamel ebda profitt minnhom peress li kellu jaghmel diversi spejjez fuqhom qabel ma bieghhom. Mistoqsi kellux xi kuntratti tal-bejgh tal-ingenji, jghid li ma sarux karti. Lanqas tressqu provi ohra rigward dawn l-ispejjez li saru fuq il-gafef li nbieghu da parti tar-rikorrenti ghajr ghal karta esebita bhala Dok. X a fol. 180 tal-process, li tikkonsisti f’xi

notamenti maghmula mill-istess attur u cards annessi ta’ persuni li suppost kienu nkarigati li jaghmlulu x-xoghol fuq il-gafef qabel ma nbieghu.

L-attur jghid li Borg ha l-bqija tal-ingenji, u ghalkemm tah xi flus tal-bejgh ta’ xi ingenji, kien hemm ohrajn li ma hallsux taghhom jew ma hallsux kollox, partikolarment f’dan il-kaz jissemma crane li tieghu nghata Lm5000 minflok Lm7000. Bejn il-kontendenti qatt ma nhargu rcevuti tal-flus li nghaddew. Ir-rikorrent in kontro-ezami jikkoncedi li l-ftehim kien li wara li jinbieghu l-ingenji jinqasam il-profitt, nofs bin-nofs. Ir-rikorrent jishaq illi l-konvenut ghandu numru ta’ ingenji ghandu u li huwa issa qieghed jitlob is-sehem tieghu. Mistoqsi x’jirraprezentaw il-Lm15,000, pretizi minnu fil-kawza odjerna, jghid li dawn jinkludu l-Lm2000 differenza fil-prezz tal-crane mibjugh mill-konvenut, kif ukoll hames nofsijiet ta’ vannijiet, zewg dust carts u vann. Huwa jichad li kellu jiehu l-flus rapprezentanti l-50% tal-qliegh minghand il-konvenut, ladarba dawn jinbieghu.

Meta jerga’ jixhed il-konvenut filwaqt li jikkoncedi li kellhom jaghmlu dan in-negozju bi shab, huwa kien avza lir-rikorrent biex ma jqisux ghall-flus, izda peress li xogholu kien li jbiegh il-karozzi, kien jordna minn fuq l-internet wara li Farrugia kien jaghzel. Huwa jghid li kien jonfoq hafna flus f’telefonati biex jinnegozja mal-Gappunizi, izda ma jikkontestax li l-flus avvanzati ghall-importazzjoni permezz tat-transazzjonijiet bankarji, kienu saru kollha mir-rikorrent wara li dan kien imur il-bank mat-tifel tal-istess Borg. L-intimat ikompli jispjega li l-flus li huwa dahhal, kien tahom lill-Farrugia mill-ewwel, peress li dan kien hareg il-flus ghall-vetturi, biss ix-xoghol kollu hu ghamlu, ghalhekk ikompli li wara li jinbieghu l-vetturi u Farrugia jinghata l-flus li jkun hareg, imbaghad jinhadem il-profitt. Il-konvenut jichad illi ghandu jaghti lir-rikorrent Lm 15,000 peress li filwaqt li Farrugia hareg il-kapital, kien hu li ghamel ix-xoghol u ghalkemm Farrugia zamm il-gafef u meta biegh minnhom ma nghata xejn mill-profitti, fl-istess waqt huwa zamm tliet vetturi scammel, trakk u erba’ kabini u jekk kemm-il darba jkun hemm profitt, dan kellu jinqasam nofs bin-nofs. Il-konvenut jixhed li ghadu ma bieghx dawn l-ingenji li jinsabu f’ghalqa ta’ habib tieghu George Baldacchino, fiz-Zejtun, u l-vann jinsab fit-triq ta’ Wied il-Ghajn. Huwa jghid li meta biegh vetturi, ghadda l-flus lir-rikorrent, u li gieli hallsu cash u gieli tah cekk. Ircevuti qatt ma nghata, izda zamm notament ta’ dak li ghadda lil Farrugia.

Rega’ xehed Joseph Borg li filwaqt li kkonferma li l-flus kollha nhargu mir-rikorrent, kif ukoll minnu stess, huwa qatt ma kien prezenti meta ghamlu l-arrangamenti bejniethom il-kontendenti u ghalhekk id-dettalji tal-arrangamenti bejniethom ma jafhomx. Huwa kien biss involut fir-rilaxx tal-vetturi mid-dwana, li kienu jigu f’isem Borg jew il-kumpanija tieghu, u mhux fil-bejgh taghhom u ghalhekk wara r-rilaxx ma kienx involut aktar. Meta kien ihallas xi spejjez tad-dwana, kien ikun Farrugia li jroddlu l-flus lura.

Iben il-konvenut jikkonferma l-maggor parti ta' dak li ntqal mill-missier, peress li kien prezenti meta l-partijiet ftehmu, fis-sens Farrugia kien johrog il-flus, filwaqt li ntuzat il-kumpanija ta' Borg, li kellha l-permess sabiex timporta vetturi minn barra, u l-arrangament kien li meta jinbieghu l-vetturi kellu jinqasam il-profitt. Il-laqgha sabiex jinqasmu l-profitti baqghet ma saritx. Missieru hareg l-ispejjez ta' taxxa u VAT tal-kumpanija, izda meta mistoqsi x'kienu dawn l-ammonti, ma kienx f'posizzjoni li jghid u ghalkemm kellu jaghmel verifiki fir-rigward, ma tressqet ebda prova f'dan is-sens.

Il-konvenut Borg fl-ahhar seduta esebixxa kopja, kif ukoll il-ktieb originali fejn zamm in-notamenti tal-vetturi li biegh u li l-flus taghhom, kollha nghaddew lil Farrugia, minghajr ma dan kien jaghti ircevuta ta' xejn. Mistoqsi ghandux xi haga ohra li turi li fil-fatt il-flus inghaddew lir-rikorrent, huwa jghid li ghandu biss id-dokumenti li esebixxa bhala Dok BT1 (kopja tan-notamenti) u BT2 (id-djarju originali fejn inzammu n-notamenti). Minn ezami ta' Dok. BT 1 esebit a fol. 181 tal-process, skond dak li xehed il-konvenut, meta wiehed jghodd il-figuri hemm imsemmija, jirrizulta li dawn jghoddu t-total ta' Lm44,000.

Mill-provi mressqa mill-partijiet ma jirrizultax li l-ewwel eccezzjonijiet preliminari tal-konvenuti dwar in-nuqqas ta' relazzjoni guridika bejn Borg u Farrugia, u li Borg m'ghandux r-rapprezentanza guridika tas-socjetà Melrose Company Limited, jistghu jintlaqghu ladarba l-istess konvenut Borg jikkoncedi li kellu dan in-negozju mar-rikorrent u li kien proprju juza din il-kumpanija tieghu li kellha licenzja ghall-importazzjoni tal-vetturi sabiex iwettaq dan in-negozju. Wara kollox, minn ezami tas-sottomissjonijiet tal-konvenuti, lanqas ma jidher li qeghdin jinsistu fuq dawn l-eccezzjonijiet preliminari. Il-Qorti ghalhekk sejra tikkonsidra mal-ewwel il-mertu tal-azzjoni odjerna.

In tema legali, dwar kunflitt ta' verzjonijiet fil-kaz Emanuel Ciantar v. David Curmi noe konfermata mill-Qorti tal-Appell, fid-19 ta' Gunju 2006, kien precizat:-

> "*Huwa ben maghruf f'materja konsimili illi mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil-provi ghandhom ihallu lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minhabba fihom ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta jew jkollha b'konsegwenza taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo; Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet.*"

Hekk ukoll, kif kellha okkazjoni din l-istess Qorti tafferma fis-sentenza taghha tat-13 ta' Mejju, 2015, fl-ismijiet Evgueni Polouektov v. HSBC Bank Malta plc.:

> "*Il-Qorti tibda biex tikkonferma l-principju regolatorju ta' kull kawza f'dawn il-Qrati u cioè li min jallega jrid jipprova. Kif irriteniet il-Qorti fis-sentenza Giordimaina Medici vs Rizzo – 28 ta' April 2004:*
>
> *"In tema legali jigi osservat li huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f' kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikalment opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi ghal principju li onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat. Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fic-citazzjoni. Mill-banda l-ohra però, il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju ragjonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f'mohh il-gudikant. Din ic-certezza morali rikjesta f'kawzi civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabilitajiet. Mera possibilità mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilità civili.*"
>
> *Huwa ben stabbilit inoltre illi l-Qorti hija kostretta fil-konsiderazzjoni taghha tal-vertenza bil-kawzali u t-talbiet kif dedotti fl-att promotur tal-proceduri.*"

Applikat dan il-principju ghal kaz in ezami, jirrizulta pacifiku bejn il-kontendenti fil-kawza, li huma dahlu f'negozju flimkien, liema negozju ma jirrizulta minn ebda ftehim bil-miktub, izda jirrizulta wkoll ppruvat li r-rikorrent hareg il-flus kollha bl-ghan li jigu importati l-vetturi mill-Gappun. Id-divergenza bejn il-kontendenti huwa dwar f'xhiex kien jikkonsisti l-ftehim bejn il-partijiet.

Filwaqt li r-rikorrent jikkontendi li huwa u Borg kienu shab u ghalhekk kellhom jaqsmu kemm l-ispejjez, kif ukoll il-profitt, Borg jishaq li huwa qatt ma ftiehem li johrog il-flus ghal dan in-negozju, peress li ma kienx f'qaghda finanzjarja li jaghmel dan. Il-konvenut jishaq li s-sehem tieghu kien li juza l-kumpanija tieghu li kellha licenzja ghall-importazzjoni tal-vetturi, ix-xoghol li ghamel mal-Gappunizi sabiex igib l-ingenji hawn Malta, kif ukoll xi spejjez relatati mat-telefonati, u taxxi li kellha thallas il-kumpanija tieghu, izda ma tressqet l-ebda prova biex issahhah it-tezi tal-konvenut fir-rigward tal-ispejjez li huwa ghamel.

Din il-Qorti tqis il-versjoni tal-attur aktar verosimili cioè li l-ftehim bejn il-kontendenti kien li n-negozju kellu jsir bi shab bejniethom. Hemm certu cirkostanzi li jindikaw dan, bhall-fatt li dan in-negozju ma damx aktar minn ftit xhur peress li r-rikorrent ma kienx kuntent jibqa' johrog il-flus kollha hu ghall-importazzjoni tal-ingenji, apparti t-traskuragni tal-konvenut li ma jaghtix kaz il-karti tad-dwana, bil-konsegwenza li l-ispejjez dejjem kienu jizdiedu u li baqa' jaghmel tajjeb ghalihom l-attur biex ma jintilfux aktar flus. Il-fatt li l-istess konvenut beda jghaddi l-flus kollha derivanti mill-bejgh tal-ingenji lill-terzi, direttament lill-attur, sabiex l-ewwel jitnaqqsu l-ispejjez li ghamel ir-rikorrent, huwa wkoll indikattiv li l-ftehim kien kif qieghed jghid l-attur.

Madankollu, l-Qorti trid izzomm quddiem ghajnejha illi t-talbiet attrici fir-rikors promotur ghall-Lm15,000, mhumiex ghal risarciment ta' flus li

hareg l-attur ghan-negozju bejn il-kontendenti, izda t-talba saret fuq il-premessa li dawn jirraprezentaw "*is-sehem tar-rikorrent mill-qliegh tal-bejgh ta' vetturi li gew importati u mibjugha lokalment lil terzi, u dan a bazi ta' ftehim milhuq bejn il-kontendenti".* Mentri mill-provi rrizulta waqt li jixhed l-attur, li dawn il-Lm15,000 jirraprezentaw l-Lm2000 differenza fil-prezz tal-crane mibjugh mill-konvenut, kif ukoll hames nofsijiet ta' vannijiet, zewg dust carts u vann li baqghu ghand il-konvenut.

Ghalhekk kif jixhed l-istess attur l-maggor parti tal-Lm15,000 minnu pretizi ma jaqghux fil-parametri tal-premessi, kawzali u t-talbiet kif proposti minnu. Dan qieghed jinghad peress li fir-rigward tal-bqija tal-ingenji li ma nbieghux mill-konvenut, dawn jinsabu f'ghalqa ta' habib tal-konvenut, u ma tressqet ebda prova li dawn l-ingenji, effettivament inbieghu mill-konvenut Borg lil terzi u b'hekk isegwi li l-azzjoni attrici fir-rigward, ma tistax tirnexxi.

Kif proposta, l-azzjoni attrici kienet qeghda tfittex ghal-sehem ir-rikorrent mill-qliegh tal-bejgh li l-konvenut ghamel lil terzi, liema trasferiment mill-provi mressqa ma jirrizultax li sehh. Mentri mix-xhieda tal-istess attur jirrizulta li effettivament qieghed jippretendi rimbors mill-konvenut ghall-ispejjez li huwa hareg ghall-ingenji li jinsabu ghand il-konvenut. Li kieku l-Qorti kellha tammetti dawn it-talbiet, tkun qeghda tmur lil hinn minn dak mitlub fir-rikors promotur. Dana tghidu peress li mhux lecitu illi qorti tinvestiga lil hinn mill-premessi, mill-kawzali u mit-talbiet attrici. Kif intqal minn din il-Qorti diversament preseduta, fis-sentenza taghha tal-31 ta' Jannar, 2003, fl-ismijiet Azzopardi v. Azzopardi: *"il-Qorti ghandha toqghod fuq il-kawzali u t-talba dedotta u xejn izjed."*

Fir-rigward ta' l-Lm2000, differenza fil-prezz tal-crane, li l-konvenut effettivament jikkoncedi li nbiegh lil terzi, (ghalkemm il-konvenut jikkontendi li dawn ghaddihom lill-attur) din il-Qorti thoss li l-azzjoni attrici wkoll ma tistax tirnexxi. Dan qieghed jinghad peress li ghalkemm mill-assjem tal-provi jirrizulta ppruvat li r-rikorrent hareg 'il fuq minn Lm61,000 ghan-negozju tal-kontendenti u li l-konvenut ghaddielu lura l-bicca l-kbira tal-ispejjez maghmula minnu, r-rikorrent effettivament biegh zewg gafef u zamm ir-rikavat kollu ghalih, kif ukoll ghad ghandu fil-pussess tieghu zewg gafef ohra, mentri l-konvenut zamm ingenji ohra ghalih (hames nofsijiet ta' vannijiet, zewg dust carts u vann).

Gialadarba l-kontendenti fil-kawza kienu dahlu f'dan in-negozju bi shab bejniethom, huwa ritenut li shubija ma tfissirx li wiehed mill-partijiet jithallas ta' dak li jkun ghamel *de proprio,* izda li kollox jigi komputat flimkien u wara li jitnaqqsu l-ispejjez, il-profitti jew it-telf jinqasmu bejn dawk li jkunu ppartecipaw fl-imsemmija shubija. (Ara f'dan is-sens sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-29 ta' Mejju, 2009, fl-ismijiet Marmara' Bros. Co. Ltd v. Peter Montebello pro et noe.) Fil-kaz in ezami, ghalhekk ghandu jsir ezercizzju li jinkludi r-rikavat mill-bejgh tal-gafef u l-ispejjez li saru fuqhom da parti tar-rikorrent, il-valur tal-gafef li zamm l-attur, kif ukoll il-valur tal-ingenji li zamm il-konvenut, il-flus kollha li hareg ir-rikorrent ghan-negozju tal-kontendenti, kif ukoll il-flus li ghaddielu l-

konvenut, u spejjez ohra li seta' ghamel il-konvenut, qabel ma jistghu jigu kalkolati l-profitti sabiex jinqasmu kif miftiehem bejn Farrugia u Borg. Izda dan l-ezercizzju wkoll ma jifformax parti mill-premessi u kawzali fir-rikors promotur u ghalhekk din il-Qorti hija prekluza milli tiddeciedi dwarhom."

5. Rat ir-rikors tal-appell tal-attur li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti:

> "jogghobHa thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata b'dan illi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati."

6. Rat ir-risposta tal-konvenuti li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, jissottomettu:

> "li l-appell ghandu jigi michud mhux biss bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellant, izda li wkoll gialadarba dan l-appell jirrisali ghal frivolu u vessatorju, ghandu ghaldaqstant jigbed fuqu l-provedimenti tal-Artiklu 223(4) tal-kap 12 tal-ligi ta' Malta u cioe` id-doppie spese."

7. Semghet lid-difensuri tal-partijiet.

8. Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat;

9. Illi f'din il-kawza l-attur u l-konvenut Borg kienu shab f'negozju ta' importazzjoni ta' vetturi mill-Gappun, liema negozju sfaxxa wara ftit xhur. L-attur issa qed jitlob is-sehem tieghu "*mill-qliegh mill-bejgh ta' vetturi li gew importati u mibjugha lokalment lill-terzi*". Huwa minnu li xi vetturi li gew importati gew mibjugha lil terzi u l-profitt maqsum bejn il-partijiet,

izda, skont l-attur, fadal xi vetturi li gew importati u baqghu mhux mibjugha. Qed jigi allegat li hemm madwar hames ingenji li jinsabu ghand il-konvenuti.

10. L-ewwel Qorti cahdet it-talbiet attur wara li osservat li la l-ingenji li dahlu Malta baqghu ma inbieghux, ma hemmx "*qliegh*" x'jinqasam bejn il-partijiet.

11. L-attur appella, izda din il-Qorti ma ssibx raguni biex tvarja s-sentenza tal-ewwel Qorti. Dawn il-qrati mhux l-ewwel darba enfasizzaw fuq il-htiega li l-att promotur jigi redatt b'attenzjoni u bi precizjoni peress illi s-sentenza taghhom trid necessarjament tkun marbuta mal-kawzali u t-talbiet kif dedotti. Il-kawza trid timxi fuq il-binarji li jaghtuha l-partijiet u l-qorti ma tistax tvarja dawk il-binarji jew tmur "*at a tangent*".

12. F'dan il-kaz, kif inghad, l-attur qed jitlob sehmu mill-qliegh mill-bejgh tal-vetturi; din hi talba specifika u cara u ma thallix lok ghall-interpretazzjoni. Issa, kif jirrizulta mill-atti, meta l-partijiet waqqfu n-negozju li kellhom bejniethom, ma kienx hemm qliegh x'jinqasam. Li ghad fadal f'idejn il-konvenut huma xi ingenji ohra li gew importati f'Malta, izda <u>li ghadhom ma nbieghux</u>. La hu hekk, ma hemmx qliegh minn bejgh x'jista' jinqasam.

13. Bejn il-partijiet jista' jkun ghad hemm lok ghax-xoljiment u qsim tan-negozju, pero`, it-talba attrici ma hijiex diretta lejn dan il-ghan. It-talba kif maghmula ghandha skop wiehed – il-qsim tal-qliegh. Darba dan ma jistax isir, il-kawza tal-attur ma tistax tipprocedi.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-attur billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti.

L-ispejjez in prim istanza jithallsu kif ordnat l-ewwel Qorti, waqt li dawk ta' din it-tieni istanza jithallsu kollha mill-attur appellant Emanuel Farrugia.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr